MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 557/2012

Il-Pulizija
(Sp Yvonne Farrugia)
vs
John Agius, iben Joseph, imwieled Gudja fis-26 ta’ Mejju, 1965, karta ta’ l-identita numru 256465(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli matul is-snin 2010 u 2011, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraġrizi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dawr xi ġrajja kimerika,

għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Salvina Muscat u/jew tal-Gvern ta' Malta;
2. approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn somma ta' aktar minn €2,329.37 liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-dannu ta' Salvina Muscat u/jew il-Gvern ta' Malta;
3. fis-sena 2010, f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għaml dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.
Il-Qorti ġiet mitlub sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ammont meħud kien ta' €2,424.03. Illi l-ammont ġie ritornat lil Salvina Muscat permezz ta' Josette Grech Margauret. Din ta' l-aħħar irċeviet cheque għal dan l-ammont mingħand l-imputat fil-25 ta' Jannar, 2012 qabel li l-kawża ġiet prezentata fit-28 ta' Mejju, 2012.

Rat illi l-imputat ammetta l-ewwel u it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 188, 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċ Kriminali. Rat il-fedina penali netta u il-fatti hawn fuq imfissra. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------